MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

**MAGISTRAT DR.**
**CHARMAINE GALEA**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2014

Rikors Numru. 158/2013

**Kenneth Vassallo**

**Vs**

**Awtorita` ghat-Trasport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikorsipprezentat minn Kenneth Vassallo fl-24 ta' Settembru 2013 li permezz tieghu talab lil dan it-Tribunal sabiex ihassar id-decizjoni tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta datata 9 ta' Settembru 2013 li permezz taghha l-istess Awtorita` imponiet fuq l-appellant penali amministrattiva ta' €100 u 10 punti ta' penali minhabba allegat ksur tar-Regolament 65 tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri (L.S. 499.56).

Ra r-risposta tal-Awtorita` Ghat-Trasport f'Malta fejn preliminarjament eccepiet in-nuqqas ta' kompetenza *ratione materiae* stante li t-Tribunal responsabbli ghal

Revizjoni fil-Gzira ta’ Ghawdex huwa dak kompetenti. Fil-mertu, eccepiet li d-decizjoni taghha timmerita konferma stante li kif se jigi stabbilit u konfermat waqt it-trattazzjoni tal-kaz, il-fatti ma humiex kif esposti mill-appellant.

Fis-seduta tas-26 ta’ Novembru 2013 it-Tribunal sema’ lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita.

Ra l-verbal tal-istess seduta fejn il-partijiet inghataw il-fakolta li jipprezentaw noti dwar l-istess eccezzjoni.

Ra n-nota ta’ osservazzjonijiet ta’ l-Awtorita` ipprezentata fid-29 ta’ Novembru 2013.

Ra n-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrent ipprezentata fit-13 ta’ Jannar 2014.

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghal decizjoni dwar l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` intimata.

**Ikkunsidra:**

Illi din hija sentenza preliminari rigward l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` u cioe *“Illi preliminarjament in-nuqqas ta’ kompetenza ratione materiae ta’ dan it-Tribunal stante illi huwa kompetenti it-Tribunal responsabbli ghal Revizjoni fil-Gzira ta’ Ghawdex”.*

Illi l-mertu ta’ dan l-appell jirrigwarda allegat garr zejjed ta’ persuni fuq il-vettura ghall-garr tal-passiggieri bin-numru ta’ registrazzjoni ZPY-001 li taghha r-rikorrent kien xufier. Illi dakinhar tal-allegat ksur tar-Regolament 65 tar-Regolamenti dwar Servizzi ta’ Garr ta’ Passiggieri (L.S.499.56) l-istess vettura kienet qieghdha gewwa d-Dwejra, San Lawrenz, Ghawdex.

Illi l-abbli difensur tal-Awtorita` issottometta fit-trattazzjoni orali tieghu, illi siccome` l-kaz fejn sehh il-ksur tal-ligi kien gewwa l-gzira Ghawdxija, allura is-sede ta’ dan it-Tribunal gewwa Ghawdex ghandha l-kompetenza li tisma’ l-istess rikors u li per konsegwenza it-Tribunal prezenti huwa

inkompetenti. Da parti tieghu, l-abbli difensur tal-appellant issottometta li minn imkien ma jirrizulta dak li kien qieghed jishaq fuqu d-difensur tal-Awtorita. Huwa sahaq li l-ligi, senjatament ghal Kap 490 tal-Ligijiet ta' Malta, tghid biss li t-Tribunal ghandu jzomm is-seduti tieghu f'Malta u f'Ghawdex.

Illi t-Tribunal josserva illi fil-verita` l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` hija msejsa fuq zewg binarji, ghalkemm mis-sottomissjonijiet li saru irrizulta li dak li l-Awtorita` qieghdha tinsisti fuqu huwa li dan ir-rikors huwa ta' kompetenza tat-Tribunal fis-sede tieghu Ghawdxija u mhux Maltija. Dan qieghed jinghad ghaliex l-Awtorita` issemmi wkoll fl-ewwel eccezzjoni taghha n-nuqqas ta' kompetenza ***ratione materiae***. Madankollu fir-rigward ta' dan in-nuqqas ta' kompetenza ma saret l-ebda sottomissjoni orali u lanqas giet trattata fin-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-Awtorita`. It-Tribunal ghalhekk jiddikjara minghajr ebda ezitazzjoni illi l-mertu tar-rikors odjern jaqa' fil-parametri tal-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal u dan ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap 490 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-artikolu 40 (1) (b) tal-Kap 499 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghalhekk dan it-Tribunal se jikkoncentra fuq il-kwistjoni dwar liema sede, hux dik Maltija jew dik Ghawdxija, ghandha gurisdizzjoni tisma' l-mertu tar-rikors odjern.

Illi jekk wiehed jara l-Kap 490 tal-Ligijiet ta' Malta, senjatament artikolu 11 (1), isib illi:

*"It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandu jżomm is-seduti tiegħu f'Malta u f'Għawdex f'dawk l-intervalli regolari li jidhirlu meħtieġa biex iħaffef ix-xogħol tiegħu. Il-jum u l-ħin ta' kull seduta għandhom jiġu ffissati mill-President."*

Illi dan it-Tribunal josserva illi ma hemmx Tribunal ghall-Gzira ta' Malta u iehor ghall-Gzejjer t'Ghawdex u Kemmuna, bhalma hu l-kaz fir-rigward tal-Qrati ordinarji u anke ta' certi tribunali bhall-Bord Li Jirregola l-Kera u dak tal-Qbejjel. It-Tribunal Ta' Revizjoni Amministrattiva huwa

wiehed, uniku, b’sede f’Malta u ohra f’Ghawdex. Ghalhekk ma hemmx kwistjoni ta’ kompetenza, izda l-kwistjoni li tqum hja biss dik tal-forum konvenjenti. It-Tribunal qatt ma huwa nkompetenti minhabba kwistjonijiet ta’ *privilegium fori*.

Illi jirrizulta illi l-prassi li qieghdha tigi adoperata sal-lum hija illi appellanti Ghawdxin jipprezentaw l-appell taghhom Ghawdex filwaqt li appellanti Maltin, irrilevanti minn fejn sehh l-allegat ksur ta’ ligi, jipprezentaw l-appell taghhom quddiem it-Tribunal sedenti fil-Gzira ta’ Malta. Dan naturalment jiffacilita l-hajja lill-appellanti li ma jkollhomx ghalfejn ihallu l-Gzira rispettiva biex jattendu ghas-seduti tat-Tribunal.

Illi t-Tribunal josserva wkoll illi, a differenza tal-provvedimenti li wiehed isib fir-rigward tal-qrati ordinarji, fejn il-ligi stess taghti lill-konvenut il-beneficcju li jigi msejjah quddiem qorti partikolari skond jekk joqghodx fil-Gzira ta’ Malta jew Ghawdex, fl-Att Dwar il-Gustizzja Amministrattiva wiehed ma jsib l-ebda provvediment li jaghti beneficcju simili lill-intimat, jew li jaghmel id-disposizzjonijiet tal-Kap 12 applikabbli ghall-proceduri li jigu intvolati quddiem dan it-Tribunal. L-uniku haga li jistipula l-Kap 490 huwa li t-Tribunal ghandu jzomm is-seduti tieghu f’Malta u Ghawdex. Dan a differenza wkoll tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fejn fil-Kap 380 tal-Ligijiet ta’ Malta wiehed isib li l-istess Tribunal ghandu jzomm il-laqghat tieghu f’Malta u Ghawdex *“u sa fejn ikun prattikabbli izomm il-laqghat tieghu fil-gzira fejn il-persuna li kontriha ssir it-talba jkollha r-residenza ordinarja taghha”* (Art. 3 (4) tal-Att numru V tal-1995). Ghalhekk wiehed josserva illi fir-rigward tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar il-legislatur kien aktar specifiku filwaqt li meta gie promulgat l-Att li holoq it-Tribunal odjern il-legislatur ma semma’ xejn minn dan kollu.

Illi maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet, u wara li dan it-Tribunal fela b’reqqa d-disposizzjonijiet kollha imsemmija fin-nota ta’ osservazzjonijiet tal-Awtorita` u cioe l-Legislazzjoni Sussidjarja 490.01 (Regolamenti Dwar it-Tribunal ta’ Regizjoni Amministrattiva U Appelli minnu), il-

Legislazzjoni Sussidjarja 490.03 (Ordni ta’ Twaqqif ta’ Sezzjoni ta’ Gurisdizzjoni Generali fit-Tribunal ta’ Revizjoni Amministrattiva) u l-Legislazzjoni Sussidjarja 12.21 (Regolamenti Dwar il-Procedura Civili (Regolament tar-Registru, Arkivji u Funzjonijiet tad-Direttur Generali tal-Qrati u ta’ Ufficjali Ezekuttivi tal-Qorti Ohra), l-istess Tribunal josserva illi d-disposizzjonijet tal-ligi appena citati bl-ebda mod ma jistghu jincidu fuq il-mertu tal-eccezzjoni odjerna ghaliex l-ebda disposizzjoni kontenuta fl-imsemmija Avvizi Legali ma taghti xi indikazzjoni dwar f’liema sede ghandu jinstema’ r-rikors odjern, u ghaldaqstant it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` ghandha tigi respinta.

Ghaldaqstant it-Tribunal, ghar-ragunijiet imsemmija hawn fuq, qieghed jichad l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-Awtorita` ghat-Trasport f’Malta bl-ispejjez kontra taghha u jordna l-prosegwiment tal-kawza quddiem dan it-Tribunal fis-sede tieghu prezenti.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------